Minuti tal-Laqgħa Nru. 55 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri |
| Skużata | Is-Sinjura Luċia Massa |
| Assenti | Dr. Frank Psaila |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kumitat Amministrattiv
5. Post Mortem, Konferenza t' Ottubru
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Piscopo ikkumenta fuq paragrafu 2.7 li huwa kellu aktar x'jikkumenta min dak li kien hemm miktub. Is-Segretarju wieġeb li huwa kien niżżel dak li kien intqal waqt il-laqgħa u li kien korrett f dak li niżżel. Il-Kunsillier Piscopo qal wkoll li huwa kellu aktar xi jżid ma dak li ntqal fuq is-suġġett.

2.2 Il-Kunsillier Piscopo ippreżenta nota li anki qara waqt il-laqgħa u semma biex din in-nota tiġi annessa mal-minuti. In-nota kienet qed tgħid li huwa ma jaqbilx ma dak li kienet qed tgħid il-perita dwar il-qisien tal-kapteli.

2.3 Is-Sindku irrisponda li peress li ħadd mill-Kunsill m' huwa espert fuq ix-xogħol jeħtieġ li noqogħdu fuq pariri tekniċi tal-periti. Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill kien responsabbli u għamel laqgħa mal-perita biex jiċċarra ċerti mistoqsijiet li qamu dwar il-kontijiet.

2.4 Il-Viċi Sindku semma wkoll li l-Kunsill għandu joqgħod fuq opinjonijiet professjonali peress li min naħa tal-Kunsill ħadd m' huwa espert fuq dan il-qasam.

2.5 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex tinġieb il-perita fuq il-post fejn hemm ix-xelter, sabiex tinqala kaptella u jkun jista jeżamina u jagħmel il-mistoqsijiet neċessarji.

2.6 Is-Sindku semma li tista tinġieb il-perita waqt il-laqgħa tal-Kunsill sabiex tiġi mistoqsija, mistoqsijiet min naħa tal-Kunsilliera.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju ressaq kopja tal-applikazzjonijiet għal iżvillup li kien hemm għal matul ix-xahar ta Ottubru u Novembru.

3.2 Is-Segretarju semma li se jkun hemm laqgħa tal-Kunsilliera sabiex japplikaw dawk il-Kunsilliera interessati.

3.3 Is-Segretarju semma wkoll li se ssir konferenza mill-Proġett Europe for Citizens. Huwa ta dettalji fuq din il-konferenza u meta se tkun id-deadline sabiex isiru l-applikazzjonijiet.

## 4.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV

4.1 Rigward il-Kumitat Aministrattiv, is-Segretarju qal li għadha kif ġiet resurfaced Triq il-Vitorja bit-tarmac skont l-iskema li kien hemm l-applikazzjoni fuqha.

4.2 Is-Segretarju semma wkoll li qed isiru xogħolijiet biex jiġu installati bollards sabiex ma jkunx hemm aċċess għal vetturi f' ċertu partijiet tal-bandli.

4.3 Is-Segretarju semma li kien hemm tmexxija fil-proċess biex isir il-proċess tal-bandli u l-applikazzjonijiet neċessarji mal-MEPA.

## 5.0 POST MORTEM, KONFERENZA T' OTTUBRU

5.1 Il-Viċi Sindku tkellem rigward il-Konferenza dwar il-Proġett 'Youths meet the Cultural Heritage'. Huwa semma li din l-attivita kienet suċċess u li kien hemm tifħir min naħa tad-delegazzjonijiet. Dawn qallu li l-istudenti kienu ferm ippreparati u li kellhom esperjenza tajba.

5.2 Il-Viċi Sindku semma wkoll li bis-saħħa tal-ippjanar li sar min naħa tas-Sindku, kienu kapaċi jagħtu ikla lid-delegazzjonijiet barranin u ffrankaw madwar 1,380 Euro peress li ntuża l-majjal li kien hemm ippjanat għal attivita minħabba li dan kien diġa ilu żmien sewwa storjat sabiex ma jinħeliex.

5.3 Is-Segretarju ta rendikont tal-infiq li sar. L-ispejjeż tal-alloġament diġa inġabru kollha. L-ispejjeż tat-trasport kienu inġabru nofshom u b' hekk il-Kunsill ħareġ biss ftit flus minn ġewwa.

5.4 Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill ma kien qed joħroġ xejn mill-allokazzjoni tiegħu peress li aktar kmieni din is-sena il-Kunsill ingħata donazzjoni ta Euro 700 minħabba li sar filming fil-lokalita u li għalhekk dawn il-flus intużaw għal ispejjeż tal-konferenza, peress li l-attivita li kellha ssir kellha titħassar diversi drabi minħabba l-maltemp. Mir-rendikont li ngħata komparat mad-donazzjoni il-Kunsill ħareġ inqas min dak li ingħata fid-donazzjoni.

5.5 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa ħassu offiż ħafna għax skont huwa kien infurmat fl-aħħar dwar il-wasla tad-delegazzjonijiet u l-program tal-konferenza. Huwa qal li l-program kien intbagħatlu filgħaxija meta huwa ma kienx xogħol u ma setax javża lil imgħallem tiegħu.

5.6 Is-Sindku irrisponda li dan ma kienx minnu peress li din l-attivita kienet diġa imsemmija fil-laqgħa ta' qabel. Huwa semma wkoll li l-Kunsilliera kienu infurmati erba' darbiet żgur bl-attivita li kienet se ssir. Huwa semma li anki huwa ma setax jmur jilqa d-delegazzjonijiet barranin minħabba li huwa kien xogħol. Is-Sindku wieġeb li dan ma kienx il-program uffiċċjali u l-program kien dak imsemmi fl-email u mhux tal-wasliet tad-delegazzjonijiet.

5.7 Il-Viċi Sindku semma li dawn kienu kollha skużi min naħa ta dawn it-tlett Kunsilliera għax fir-realta huma qatt m għamlu xejn u ma jersqux lejn il-Kunsill. Il-Viċi Sindku kien irrabjat ħafna għal aġir indifferenti tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa jkun xogħol u jkun jista jiġi l-Kunsill nhar ta Sibt.

5.8 Il-Kunsillier Piscopo qal li huwa ma setax jattendi minħabba li kien l-iskola. Huwa rrisponda lil Viċi Sindku biex jirreferi l-argument lil Kunsillier Camilleri u mhux lilu, għax huwa ma tkellem xejn dwar il-każ tal-majjalata.

5.9 Il-Kunsillier Caruana semma li huwa ma setax jattendi minħabba li hua kien impenjat bil-grand prix tal-karozzi antiki.

5.10 Is-Segretarju irrisponda wkoll li huwa kien bgħatt emails bil-program u anki saru telefonati lill-Kunsilliera biex jiġu avżati bill-konferenza. Huwa qal ukoll li l-Kunsillier Camilleri kien infurmah aktar tard dakinhar li huwa kellu problema biex jara l-email. Huwa qal li din kienet problema min naħa tal-Kunsillier Camilleri. Is-Segretarju qal ukoll li se jippreżenta wkoll l-email li kien bagħat lill-Kunsilliera li tindika wkoll il-ħin li fiha kienet intbagħtet.

## 6.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

6.1 Dwar il-pagamenti il-Kunsillier Camilleri qal li huwa ma jaqbilx mal-pagamenti ligħandhom x' jaqsmu mal-ħanżir li kellu jintuża għal attivita u mal-konferenza. Is-Sindku irrisponda li din kienet ridikola peress li l-attivita kienet diġa approvata fil-laqgħa preċedenti

6.2 Il-Kunsillier Piscopo qal li huwa ma jaqbilx mal-pagamenti li għandhom x' jaqsmu mal-kuntrattur tax-xogħolijiet relatatti max-xelter. Is-Sindku irrispondih li dawn il-pagamenti kienu diġa ġew approvati f' laqgħa preċedenti meta l-istess Kunsillier ma kienx preżenti. Huwa qallu li għalhekk huwa m' għandux jikkumenta dwarhom peress li diġa kienet ittieħdet deċiżjoni fuqhom.

6.3 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li huwa ma jaqbilx biss mal-pagamenti li kellhom x' jaqsmu mal-istess kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li dawn diġa kienu approvati u peress li s-Sur. Caruana kien qajjem dubbju dwar ir-rati għoljin relatatti max-xelter, is-Sindku kien żamm is-somma ta' madwar Euro 20,000 li kienet tikkonsisti wkoll il-prezz tax-xogħol li sar fuq ix-xelter sakemm jagħmel aktar verifiki mal-Perit tal-Kunsill. Issa li l-perit għamel il-verifiki neċessarji ma kienx hemm il-bżonn li jibqgħu miżmumin dawn il-pagamenti. Issa li għandna iċ-ċertifikati neċessarji mhuwiex lest li jibqa jżomm dawn il-pagamenti anki peress li l-kuntrattur jista' jfittex lill-Kunsill legalment peress li dan il-kont ilu pendenti għal dawn l-aħħar 5 xhur.

6.4 Rigward ix-xogħolijiet tax-xelter dawn il-pagamenti ġew approvati peress li diġa kien hemm qbil meta intwerew fil-laqgħa preċedenti. Dwar il-pagamenti marbutin mal-attivita tal-konferenza din kien hemm approvazzjoni fuqha f' laqgħa preċedenti. Għalhekk il-pagamenti jittieħdu bħala approvati.

## 7 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet fi tmiemha L-Erbgħa 2 ta' Novembru 2011, fis-6.50 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa tax-xahar ta wara.

Konfermati llum ________________________ 2011.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv